Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Diċembru 2014**
**(OR. en)**

**16941/14**
**ADD 1**

**ENV 998**

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Kummissjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 12 ta' Diċembru 2014 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | D036234/02 ANNESS 1 |
| Suġġett: | ANNESS tad- Direttiva tal-Kummissjoni li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D036234/02 ANNESS 1.

---

Mehmuż: D036234/02 ANNESS 1

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D036234/02
[…](2014) XXX draft

ANNEX 1

# ANNESS

**tad-**

**Direttiva tal-Kummissjoni**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi**

**ANNESS**

**tad-**

**Direttiva tal-Kummissjoni**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi**

Fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE, jiżdied dan it-test taħt in-nota (*) f'qiegħ il-paġna:

"Il-valur tal-formula tal-effiċjenza enerġetika għandu jiġi multiplikat b'fattur tal-korrezzjoni klimatika (CCF) kif jidher hawn taħt:

1. Is-CCF għal installazzjonijiet operattivi u permessi skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tapplika għal qabel l-1 ta' Settembru 2015.

   CCF = 1 jekk HDD >= 3350

   CCF = 1.25 jekk HDD <= 2150

   CCF = - (0.25/1200) x HDD + 1.698 jekk 2150 < HDD < 3350

2. Is-CCF għal installazzjonijiet permessi wara l-31 ta' Awwissu 2015 u għal installazzjonijiet taħt il-1 wara l-31 ta' Diċembru 2029:

   CCF = 1 jekk HDD >= 3350

   CCF = 1.12 jekk HDD <= 2150

   CCF = - (0.12/1200) x HDD + 1.335 jekk 2150 < HDD < 3350

(Il-valur tas-CCF li jirriżulta se jitqarreb lejn tliet postijiet deċimali).

Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HHD annwali fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu (18°C - Tm) x d jekk Tm tkun 15°C jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nill jekk Tm tkun aktar minn 15°C; f'dan il-każ Tm tfisser it-temperatura medja ta' barra (Tmin+Tmax/2) matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum (d=1), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa.